



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 12 ta' Novembru 2012 (13.11)
(OR. en)**

16056/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0307 (NLE)**

**EEE 117
ENER 454
STATIS 84**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	12 ta' Novembru 2012
Nru dok. Cion:	COM(2012) 645 final
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness IV (Enerġija) u għall-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2012) 645 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.11.2012
COM(2012) 645 final

2012/0307 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-
ŻEE dwar emenda għall-Anness IV (Enerġija) u għall-Anness XXI (Statistika) tal-
Ftehim dwar iż-ŻEE**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-omoġeneità li huma neċessarji għas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġiżlazzjoni kollha rilevanti tal-Unjoni Ewropea fil-Ftehim dwar iż-ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tagħha.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill) għandu l-għan li jemenda l-Anness IV (Enerġija) u l-Anness XXI (Statistika) billi jżid l-acquis ġdid tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

Dan jikkonċerna d-Direttiva 2008/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 li tikkonċerna l-proċedura Komunitarja sabiex tittejjeb it-trasparenza ta' prezzijiet tal-gass u tal-elettriku imposti fuq konsumaturi industrijali (tfassil mill-ġdid). Id-Direttiva 2008/92/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/377/KEE, li hi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li b'hekk hi mħassra skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.

Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan l-att, qed jiġi propost adattament fir-rigward tal-Liechtenstein. Il-Liechtenstein tixtieq tkun eżentata mill-obbligi previsti f'din id-Direttiva, ħlief għall-obbligu li tipprovdi d-dejta dwar il-prezz industrijali għall-kategorija tal-konsumaturi IC fir-rigward tal-elettriku u għall-kategorija tal-konsumaturi I3 fir-rigward tal-gass.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għal tali Deċiżjonijiet, wara li ssir proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE lill-Kunsill biex jadottah bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tippreżentah lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-
ŻEE dwar emenda għall-Anness IV (Enerġija) u għall-Anness XXI (Statistika) tal-
Ftehim dwar iż-ŻEE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea² ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, il-Komitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li, fost l-oħrajn, jemenda l-Anness IV u l-Anness XXI tiegħu.
- (3) L-Anness IV u l-Anness XXI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jinkludu dispożizzjonijiet u arranġamenti speċifiċi dwar l-enerġija u l-istatistika rispettivament.
- (4) Id-Direttiva 2008/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 li tikkonċerna l-proċedura Komunitarja sabiex tittejjeb it-trasparenza ta' prezzijiet tal-gass u tal-elettriku imposti fuq konsumaturi industrijali³ (tfassil mill-ġdid) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (5) Id-Direttiva 2008/92/KE tħassar id-Direttiva 90/377/KEE, li hi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li b'hekk hi mħassra skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (6) Il-Liechtenstein għandha tkun eżentata mill-obbligi previsti fid-Direttiva 2008/92/KE, ħlief għall-obbligu li tipprovdi d-dejta dwar il-prezz industrijali għall-kategorija tal-konsumaturi IC fir-rigward tal-elettriku u għall-kategorija tal-konsumaturi I3 fir-rigward tal-gass

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

² ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

³ ĠU L 298, 7.11.2008, p. 9.

- (7) L-Anness IV u l-Anness XXI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandhom għalhekk jiġu emendati kif meħtieġ.
- (8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni li jinsab meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness IV (Enerġija) u l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jinsab meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

Anness

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru

ta’

I-Anness IV (Enerġija) u l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE li temenda

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim dwar iż-ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2008/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 li tikkonċerna l-proċedura Komunitarja sabiex tittejjeb it-trasparenza ta' prezzijiet tal-gass u tal-elettriku imposti fuq konsumaturi industrijali (tfassil mill-ġdid)¹ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Id-Direttiva 2008/92/KE tħassar id-Direttiva 90/377/KEE tal-Kunsill, li hi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li b'hekk għandha konsegwentement titħassar skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (3) L-Anness IV u l-Anness XXI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandhom għalhekk jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-punt 7 (Direttiva tal-Kunsill 90/377/KEE) fl-Anness IV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi mibdul b'li ġej:

‘32008 L 0092: Id-Direttiva 2008/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ottubru 2008 li tikkonċerna l-proċedura Komunitarja sabiex tittejjeb it-trasparenza ta’ prezzijiet tal-gass u tal-elettriku imposti fuq konsumaturi industrijali (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 298, 7.11.2008, p. 9)⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Elenkat hawn għal skop ta’ tagħrif biss: għall-applikazzjoni ara l-Anness XXI dwar l-istatistika.’

Artikolu 2

It-test tal-punt 26 (Direttiva tal-Kunsill 90/377/KEE) fl-Anness XXI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi mibdul b'li ġej:

‘32008 L 0092: Id-Direttiva 2008/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ottubru 2008 li tikkonċerna l-proċedura Komunitarja sabiex tittejjeb it-trasparenza ta’

¹ ĠU L 298, 7.11.2008, p. 9.

prezzijiet tal-gass u tal-elettriku imposti fuq konsumaturi industrijali (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 298, 7.11.2008, p. 9).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Il-Liechtenstein tkun eżentata mill-obbligi previsti f'din id-Direttiva, ħlief għall-obbligu li tipprovdi d-dejta dwar il-prezz industrijali għall-kategorija tal-konsumaturi IC fir-rigward tal-elettriku u għall-kategorija tal-konsumaturi I3 fir-rigward tal-gass. Din id-dejta (bi tliet livelli ta' prezzijiet: mingħajr taxxi, mingħajr VAT u bil-VAT, u taxxi oħrajn inklużi) tiġi provduta kull sitt xhur fi żmien xahrejn wara l-perjodu ta' referenza bl-użu ta' kwestjonarji adattati provduti mill-Eurostat.'

Artikolu 3

It-testi tad-Direttiva 2008/92/KE bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fi [...], sakemm ikunu saru n-notifiki kollha, skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE *.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

* [Ma huma indikati ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]